PDF Compressor Pro

Il-Mara tal-President ta' Malta, is-Sinjura Abela tagħmel żjara fl-Iskola Primarja tar-Rabat

Il-mara tal-President ta' Malta s-Sinjura Margaret Abela, nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru, għamlet żjara fl-Iskola Primarja tar-Rabat bħala bidu għall-kampanja tal-Istrina ta' din is-sena.

Is-Sinjura Abela kienet milqugħa fl-iskola mill-Kap tal-Iskola Lelio Spiteri, l-Assistent Kap Silvio Grima u l-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex Anita Sciberras.

Fil-bitħa tal-iskola hija ltaqgħet mat-tfal li jattendu l-klassijiet tal-Kindergarten u l-għalliema tagħhom. It-tfal laqgħu lis-Sinjura Abela b'kanzunetta ferriħija. Fis-sala tal-iskola l-orkestra tal-iskola tat diversi wirjiet taħt id-direzzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai, l-għalliema tal-mużika. Ħamest itfal mill-Ħames Sena qraw messaġġ ta' merħba.

Is-Sinjura Abela ndirizzat lit-tfal preżenti fejn saħqet dwar l-importanza tas-solidarjetà mhux biss fil-ġranet tal-Milied imma matul is-sena kollha. Hija ġiet preżentata b'bukkett fjuri u donazzjoni għall-*Community Chest Fund*. Min-naħa tagħha, is-Sinjura Abela rregalat sett ta' kotba għall-iskola. Is-Sinjura Abela żaret ukoll il-klassi tan-*Nurture Group* u l-librerija tal-iskola.



Is-Sinjura Abela tidher tippreżenta sett kotba lill-Kap tal-Iskola Lelio Spiteri



Is-Sinjura Margaret Abela waqt iż-żjara tagħha fl-Iskola Primarja tar-Rabat

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



L-istudenta Rebekah Azzopardi tidher tippreżenta bukkett ward lis-Sinjura Abela



L-istudent Jonathan R. Young jippreżenta replika ta' poster lill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta. Jidher ukoll il-Kap tal-iskola l-Kanonku Noel Saliba

Titniehda l-*Urbanus Concert Series*

Urbanus Concert Series hija inizjattiva ġdida li ġiet imnehdija dan l-aħħar mill-*Chorus Urbanus Productions* ġewwa l-Knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat, Għawdex. L-għan ta' din l-inizjattiva hi li toffri opportunità lill-artisti internazzjonali kif ukoll lil talent lokali li jesponu l-kapaċitajiet mużikali tagħhom f'diversi postijiet madwar il-Belt Victoria.

Il-kunċert inawgurali ta' din is-sensiela ta' kunċerti nżamm nhar is-Sibt, 20 ta' Ottubru, fejn l-udjenza preżenti ġiet offruta kunċert tal-aqwa kwalità mill-Professur Gottfried Schneider mill-Hochschule of Performing Arts ġewwa Munich, il-Ġermanja. Matul dan il-kunċert, l-udjenza preżenti setgħet tammira l-kapaċità u t-teknika kbira ta' dan il-mużiċist fuq l-iStradivarius tiegħu tal-1728 fl-eżekuzzjoni tal-kompożizzjonijiet għal vjolin solo ta' Johann Sebastian Bach.

F'introduzzjoni qasira minn Dr John Galea u mill-Professur Schneider, l-udjenza ngħatat ftit informazzjoni storika dwar it-tip ta' mużika li kienet se tindaqq, partikolarment dwar is-Sonata (*sonata di chiesa*) u l-Partita (*sonata da camera*).

Fil-fatt matul il-kunċert ġew esegwiti s-Sonata numru 1 u 3 ta' Bach għal vjolin solista kif ukoll Partita numru 1 tal-istess kompożitur li ħallew lil kull min kien preżenti fl-udjenza msaħħar bil-ħlewwa tal-ħoss tal-vjolin u mhux b'anqas bil-kapaċità u t-teknika ta' dan il-vjolinista.



Waqr kunċert tal-aqwa kwalità mill-Professur Gottfried Schneider mill-Hochschule of Performing Arts ġewwa Munich, il-Ġermanja.

Il-kunċert għalaq b'waħda mill-aqwa siltiet qatt miktuba għal vjolin solista-chaconne ta' madwar 15-il minuta li tulha l-vjolinista jippreżenta it-tema prinċipali f'mhux inqas minn 31 varjazzjoni. L-applaws twil li ngħata lill-Professur Schneider kien xhieda ċara tal-apprezzament tal-udjenza li ħonqot il-Knisja ta' San Ġakbu għal dan il-kunċert. Wara l-kunċert Prof. Schneider kellu l-okkażjoni jiltaqa' ma' numru ta' studenti tal-vjolin Għawdxin li ġew ippreżentati minn Dr John Galea. Ta' min igħid li s-sonatas u l-partitas ta' Bach għadhom kemm ġew irrekordjati minn dan il-mużiċist u fil-ġimgħat li ġejjin se toħroġ CD tagħhom għall-bejgħ ġewwa l-Ġermanja.

Il-ħsieb wara din l-inizjattiva ġdida mill-Chorus Urbanus hi li kull xahrejn jittella' kunċert mużikali f'xi lokalità fir-Rabat Għawdex. Fil-fatt, il-kunċert li jmiss f'din is-sensiela se jkun Il-Kunċert tal-Milied mill-Chorus Urbanus li se jsir ġewwa l-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru.

Iżur is-Seminarju

F'Ottubru, is-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù kellu l-unur li jilqa' għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, l-kap ta' l-istat l-Eċċ. Tiegħu Dr. George Abela, President tar-Repubblika ta' Malta. Dr. Abela ġie milqugħ mir-Rettur il-Kanonku Daniel Xerri, s-Surmast il-Kanonku Noel Saliba, l-assistent Surmast Dun Michael Said u Dun Charles Saliba, kif ukoll l-istudent Jonathan R. Young, President tal-Kunsill ta' l-Istudenti. Wara li xi membri tal-Kunsill ta' l-Istudenti qraw fil-qosor l-istorja tas-Seminarju, l-Eċċ. Tiegħu kellem lill-istudenti u l-għalliema preżenti. Bħala tifkira ta' l-okkażjoni, l-iskola offriet lill-President tpinġija oriġinali ta' l-istudent Jonathan R. Young u anke replika ta' poster li biha l-istess student kien rebaħ f'kompetizzjoni internazzjonali. Il-President irregala xi kotba għall-librerija ta' l-iskola. Fl-aħħar l-orkestra ta' l-iskola temmet din il-laqgħa bid-daqq tal-wisq popolari *Inti Djamant* u bl-*Innu lis-Seminarju Minuri*, liema innu kien miktub mis-Surmast il-Kanonku Noel Saliba.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna